



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Jannar 2021
(OR. fr)

14010/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0352 (NLE)

AVIATION 246
RELEX 1006
MA 10
OC 19

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-MAROKK
STABBILIT BIL-FTEHM EWRO-MEDITERRANJU DWAR L-AVJAZZJONI
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN
NAĦA WAĦDA, U R-RENJU TAL-MAROKK, MIN-NAĦA L-OĦRA li tadotta
r-regoli ta' proċedura tiegħu

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI NRU 1/ ... TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-MAROKK
STABBILIT BIL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU
DWAR L-AVJAZZJONI
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA,
U R-RENJU TAL-MAROKK, MIN-NAĦA L-OĦRA**

ta' ...

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-MOROKK,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(6) tiegħu,

IDDEĊIEDA:

¹ ĠU UE L 386, 29.12.2006, p. 57

Artikolu Uniku

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt li jinsabu fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan adottati.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt,

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Marokk

ANNEX

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT

Artikolu 1

Kapijiet tad-Delegazzjoni

1. Skont l-Artikolu 22(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun presedut b'mod konġunt mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Skont l-Artikolu 22(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ. Kull waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' titlob li ssir laqgħa.
2. Il-Kumitat Konġunt jista' jorganizza laqgħat wiċċ imb wiċċ jew permezz ta' mezzi oħra (eż. telekonferenzi jew vidjokonferenzi).

3. Il-laqgħat isiru, kemm jista' jkun, b'mod alternat bejn post fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet Kontraenti.
4. Ladarba l-Partijiet Kontraenti jkunu qablu dwar id-data u l-post tal-laqgħat, il-laqgħat għandhom jissejħu mill-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u mill-ministeru responsabbli mill-avjazzjoni ċivili għar-Renju tal-Marokk.
5. Sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor mill-Partijiet Kontraenti, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Jekk ikun meħtieġ, tista' tiġi abbozzata sqarrija għall-istampa bi ftehim reċiproku fi tmiem il-laqgħa.

Artikolu 3

Delegazzjonijiet

1. Qabel kull laqgħa, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tagħhom għal-laqgħa.
2. Ir-rappreżentanti tal-industrija tat-trasport bl-ajru jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat bħala osservaturi, jekk il-Kumitat Konġunt ikun jaqbel li jsir hekk.
3. Il-Kumitat Konġunt jista' jistieden lil partijiet interessati jew lil esperti oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovduhom informazzjoni dwar suġġetti partikolari.

*Artikolu 4:
Segretarjat*

Is-segretarji tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Ministeru tal-avjazzjoni ċivili tar-Renju tal-Marokk, u għandhom jaġixxu b' mod konġunt.

*Artikolu 5
L-aġenda tal-laqgħat*

1. Il-kapijiet tad-delegazzjoni għandhom jistabbilixxu, bi ftehim komuni, l-aġenda proviżorja għal kull laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat mis-segretarji lill-membri tad-delegazzjonijiet mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel id-data tal-laqgħa.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiġu inklużi fl-aġenda jekk il-Kumitat Konġunt jaqbel li jsir hekk.
3. Il-Kapijiet ta' Delegazzjoni jistgħu jqassru l-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-bżonnijiet ta' kwistjoni partikolari jew l-urġenza li biha għandha tiġi trattata dik il-kwistjoni partikolari.

Artikolu 6

Minuti

1. Wara kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandu jiffassal abbozz tal-minuti. Dan għandu jindika l-punti diskussi, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u d-deċiżjonijiet adottati.
2. Fi żmien xahar wara l-laqgħa, l-abbozz tal-minuti għandu jiġi ppreżentat mill-Kap tad-Delegazzjoni ospitanti lill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor għall-approvazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub.
3. Ladarba jiġu approvati, il-minuti jiġu ffirmati f'żewġ kopji mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u kopja oriġinali waħda għandha tinżamm minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit.
4. Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu pubbliċi, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor minn waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 7

Proċedura bil-miktub

Meta jkun meħtieġa, u debitament motivati, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. Għal dak il-għan, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jiskambjaw l-abbozzi ta' miżuri li dwarhom tintalab l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, u dawn il miżuri jista' jintlaħaq qbil dwarhom permezz ta' skambju ta' korrispondenza. Madankollu, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' titlob li l-Kumitat Konġunt jitlaqqa' biex jiġu eżaminati dawk l-abbozzi.

Artikolu 8
Deliberazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu u jieħu deċiżjonijiet b'konsens.
2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom rispettivament it-titlu “Deċiżjoni” jew “Rakkomandazzjoni” rispettivament, u għandhom ikunu segwiti b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u indikazzjoni tas-suġġett tagħhom.
3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u għandhom jiġu mehmuża mal-minuti.
4. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom jiġu implimentati mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom stess.
5. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu ppubblikati mill-Partijiet Kontraenti fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali rispettivi tagħhom. Kull Parti Kontraenti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe att ieħor li jiġi adottat mill-Kumitat Konġunt. Għandha tinżamm kopja oriġinali waħda tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 9
Gruppi ta' ħidma

- 1 Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jassistu lill-Kumitat Konġunt fit-tweġiq ta' dmirijietu. It-termini ta' referenza għal grupp ta' ħidma għandhom jiġu inklużi f'Anness għad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-grupp ta' ħidma.

2. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.
3. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt u jirrappurtaw lilu wara kull laqgħa li jkollhom. Huma ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet iżda jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.
4. Fi kwalunkwe mument, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jabolixxi kwalunkwe grupp ta' ħidma eżistenti, jimmodifika l-mandati tagħhom jew jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ġodda biex jgħinuh fil-qadi tal-kompiti tiegħu..

Artikolu 10

Reġim lingwistiku

Il-lingwi uffiċjali tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 11

Spejjeż

1. Kull Parti Kontraenti għandha tħallas l-ispejjeż li ġġarrab bħala riżultat tal-parteciċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma, kemm fir-rigward ta' spejjeż ta' persunal, ivvjaġġar u għall-għixien ta' kuljum kif ukoll ta' spejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.
2. Kull spiża oħra relatata mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti Kontraenti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 12

Emendi għar-regoli ta' proċedura

Il-Kumitat Konġunt jista' fi kwalunkwe mument jemenda dawn ir-regoli ta' proċedura permezz ta' deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 22 tal-Ftehim.
